MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI ISTRUTTORJA

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2003

Numru. 495/2003

Il-Pulizija
(Spettur Paul Vassallo)
(Spettur Sandro Zarb)
vs

George Cauchi

Illum 28 ta' Ottubru 2003.

**IL-QORTI**

Rat l-'authority to proceed' ossija l-ordni mahrug mil-Ministru tal-Gustizzja u Intern fl-10 ta' Gunju 2003 u li tinsab a fol 795 tal atti mill-liema ordni jidher li r-Repubblika tal-Italja kif ukoll l-iskeda "X" a fol 796, u li biha qed titlob it-treggija ta' George Cauchi kif deskritt go fiha u li jinsab akkuzat fl-Italja bir-reati kif hemm deskritti.

Rat il-mandat ta’ arrest mahrug minn din il-Qorti kif diversament preseduta fis-7 ta’ April 2003 u li jinsab a fol 10 tal-atti.
Semghet taht gurament lill-ispettur Sandro Zarb li ressaq quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta lil George Cauchi u li talab li jsiru l-presenti proceduri skond il-Kapitolu 276 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-ezami tal-istess George Cauchi a fol 8 ibid.

Rat id-dokumenti kollha esebiti, oltre l-atti relattivi ghal dan il-kaz kif ukoll semghet ix-xhieda prodotti.

Semghet it-trattzzjoni

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi in rigward dawn il-proceduri li jinvolvu l-<u>estradizzjoni</u> ta’ persuna ta’ nazzjonalita u residenza maltija lejn gurisdizzjoni ossija awtorita gudizzjarja barranija, hemm certi formalitajiet li ghandhom jigu segwiti u li dwarhom ghandha tingieb prova quddem din il-Qorti precisament:
a) it-talba maghmula mill-istat barrani.
b) L’hekk imsejjha “<u>authority to proceed</u>” konsistenti f’ordni tal-Ministru.
c) “warrant” barrani li bih qed jigi awtorizzat l-arrest tal-persuna involuta.
d) Dettalji dwar fatti u ligijiet li a bazi taghhom persuna qed tigi akkuzata bir-reat jew ir-reati in ezami oltre evidenza sabiex jiggustifika l-hrug ta’ mandat ta’ arrest, provisorju, sabiex jinhareg l-‘authority to procceed’. Mill-atti in ezami jidher li dawn il-formalitajiet kollha kemm huma gew sodisfatti. Ghalhekk, terminati dawk li huma ta’ natura amministrattiva, jibdew dawk ta’ <u>natura</u> <u>gudizzjarja</u> quddiem ‘a Court of committal’ ossija ‘Qorti rimandanti’ li skond l-artikolu 15 (1) tal-Kapitolu 276 tal-Ligijiet ta’ Malta ghandha “..... l-istess setghat, sa fejn jista jkun, ta’ Qorti Struttorja” skond l-artikolu 389 sa 412 tal-Kodici Kriminali.

Illi hawnhekk naslu ghal funzjoni principali ta’ Qorti rimandanti ossija sabiex tara u tiddeciedi jekk fil-konfront ta’ persuna li hija akkuzata bir-reat (li ghandu jkun wiehed

ta’ estradizzjoni), il-provi jkunu bizzejjed biex jiggustifikaw li dik il-persuna tghaddi proceduri dwar dak ir-reat li kieku kien sar fil-gurisdizzjoni tal-Qrati tal-Gustizzja Kriminali ta’ Malta (Artikolu 15 (3) (a) tal-Kapitolu 276 gia citat).

Ikkunsidrat

Illi mill-premess, jidher ghalhekk, li din il-Qorti l-ewwel nett trid tara jekk trattasi ta’ “extraditable offence” kif definit fl-artikolu 5 u 8 tal-istess ligi, f’dan il-kaz applikabbli l-artikolu 8. In rigward dan jidher li gie applikat l-hekk imsejjah ‘double criminality principle”. Hawnhekk irid jigi nnotat, oltre il-perjodu minimu ta’ prigunerija kif stabbilit fl-artikolu 8 (1) (a) illi l-att jew ommissjoni li jikkostitwixxi r-reat ghandu jikkostitwixxi reat kontra l-Ligijiet ta’ Malta f’kaz li gie kommess jew ommess hawn Malta. Dwar dan, id-deskrizzjoni tal-istess reat ma hiex materjali f’kaz li r-reat, fil-ligi Maltija u f’dik tal-awtorita gudizzjarja barranija li tkun qed titlob l-estradizzjoni, jkunu sostanzjalment tal-istess natura.

Ikkunsidrat

Illi in rigward il-provi msemmija hawn fuq, u l-valutazzjoni li trid issir minn din il-Qorti, bhala wahda rimandanti, jrid mal-ewwel jinghad, li dawn iridu jkunu sufficjenti biex jigu gustifikati li l-persuna involuta tghaddi proceduri dwar ir-reat jew reati nvoluti li kieku dawn saru fil-gurisdizzjoni tal-Qrati maltin (ara l-artikolu 15 (3) (a) ibid). Dwar dan jidher mill-gurisprudenza ‘in materja’, li f’dan l-istadju tal-proceduri kemm f’kaz ta’ kumpilazzjoni kemm f’dak ta’ estradizzjoni gew adottati l-istess kriterji mill-Qrati lokali sabiex jigi stabbilit jekk persuna ghandhiex titqieghed taht att ta’ akkuza jew jekk persuna ghandhiex titregga lejn l-awtorita gudizzjarja barranija bhal fil-kaz in ezami. Ghalhekk f’dan l-istadju l-Qorti trid tara jekk il-provi prodotti, in sostenn tat-talba ghall-estradizzjoni, humiex sufficjenti sabiex persuna tigi processata in konnessjoni mar-reat jew reati in kwistjoni f’kaz li dawn kienu gew kommessi fil-gurisdizzjoni tal-Qrati maltin Dan premess, tali funzjoni ma tinvolvix decizzjoni dwar il-mertu, fis-sens li l-provi migjuba quddiemha jridu jigu valutati sabiex jigi

deciz jekk hemmx ‘prima facie’ “a case to answer”. Fil-qasir il-Qorti rimandanti trid tara l-provi kollha prodotti quddiemha taht l-aspetti kollha rilevanti ghal dan l-istadju kif spjegat, sabiex tasal ghall konkluzjoni u tifforma opinjoni fondata, oltre li tiddeciedi dwar jekk hux possibli ragonevolment u dejjem ‘prima facie’ li tista tinstab reita fil-persuna involuta a bazi tal-‘lex fori’. Ghalhekk f’kaz ta’ nuqqas ta’ provi jew f’kaz li dawn jkunu manifestament insufficjenti sabiex tinstab htija, talba bhal dik in ezami trid tigi michuda. Hawnhekk ta’ minn jghid li f’kaz ta’ estradizzjoni jista jigi prospettat kaz fejn a bazi tal-kriterji prestabbiliti, il-Qorti rimandanti tista issib tali nuqqas ta’ provi jew insufficjenza ta’ dawn u inrigward certi reati izda sufficjenti u bizzejjed in rigwrd reat jew reati ohrajn. Ghalhekk kontrarjament ghal dak li jirreferi ghal funzjonjiet ta’ Qorti Struttorja dik rimandanti tista takkolji talba ghall-estradizzjoni ‘in parte’ u tichadha in rigward ir-rimanenti reati (“Law of Speciality”).

Illi ghalhekk u in sostenn, din il-Qorti ser tara a bazi tal-kriterji kif hawn fuq stabbili, jekk mill-provi migjuba quddiemha, dejjem ‘prima facie’ jirrizultaw <u>reat jew reati</u> ta’ estradizzjoni kif ukoll <u>ness, kollegament</u> ta’ natura kriminali bejn tali reat jew reati u il-persuna involuta permezz tal-agir jew ommissjoni da parti taghha

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, hawnhek ser jigu konsiderati r-reati li taghhom l-estradant jinsab akkuzat fl-Italja. Kif rizultanti a fol 22 u 796 tal-atti George Cauchi hu akkuzat ta’ participazzjoni f’”<u>associazione a delinquere</u>” kif agravati in rigward it-twettiq ta’ numru indeterminat ta’ delitti ta’ <u>kontrabandu</u> ta’ sigaretti (T.L.E.) imdahhlin klandestinament f’diversi partijiet tal-Italja b’mod specjali fir-regjun ta’ Puglia, oltre reati fiskali kif hemm dedotti. F’dan l-assocjazzjoni jinghad li kellu participazzjoni attiva l-istess George Cauchi flimkien mal-persuni elenkati a fol 19 sa fol 21. In sostenn ta’ dan, ingiebu a konjizzjoni ta’ din il-Qorti zewg volumi ta’ provi (Dok A u Dok B) u provi ohra addizzjonali kif ukoll diversi xhieda li ngiebu ‘viva voce’ quddiem din il-Qorti in konnessjoni ma’ numri ta’ ‘telephones’ cellulari

lokali u l-kollegament tal-istess numri ma dawk li jinsabu fil-provi rinvjati lil din il-Qorti mill-Awtorita Gudizzjarja Baranija oltre in rigward karta ta' kreditu li pero ma gietx rintraccjata.

In rigward il-provi ta origini estera, dawn fil-maggoranza taghhom jirreferu ghal intercettazzjonijiet bir-traskrizzjoni relattiva ta'numru ta' telefonati maghmulin fuq 'telephones' cellulari oltre ritratti u verbali ta' pedinamenti esegwiti kolha kemm huma bl-awtorizazzjoni tal-istess Awtorita Gudizzjarja Barranija a bazi ta' dawn jidher li jissusistu r-reati kif hawn fuq delinejati u addebitati lill estradant oltre n-ness bejn l-istess reati kommessi u l-estradant.

In oltre, mill-istess provi, permezz ta' dokumenti kif ukoll orali, jidher li ir-reati addebitati lil George Cauchi huma "extraditable offences' fis-sens kif spjegat hawn fuq. Di fatti, u b'referenza ghall-artikolu 8 gia citat, flimkien mal-provi rinvjati lil din il-Qorti, jinsabu elenkati il-pieni vis-a-vis ir-reati li huma addebitati lil George Cauchi u dawn huma kollha kemm huma soggetti ghal piena ta' aktar minn sena skond il-Ligijiet tal-Awtorita Gudizzjarja barranija. Dwar ir-rekwizit stipulat fl-artikolu 8(b) George Cauchi sahaq b'referenza ghall-akkuza ta' "associazione a delinquere" li fil-perjodu meta George Cauchi, allegatament ikkommetta dawn id-delitti, ma kienx jikkostitwixxi tali hawn Malta. Pero ghandu jigi sottolinejat illi fl-2002 permezz ta' emenda fil-Kodici Kriminali kien gie introdott l-artikolu 48A, ossija l-hekk imsejjah "conspiracy". Meta saret it-talba in ezami kienet diga giet introdotta din l-emenda. Konsegwentement hu sodisfatt ukoll dak li hemm stipulat fl-artikolu 8 (1) (b). In oltre ta' min jinnota, b'referenza ghall artikolu 8(2) citat ukoll illi "associzione" u "conspiracy" huma sostanzjalment tal-istess natura.

Ghalhekk kif diga inghad, dawk addebitati lil George Cauchi ghandhom jigu konsiderati bhala "extraditable offences' ghal kull effett u fini fil-ligi.

Din il-Qorti rat ukoll jekk l-estradant ghandux jigi mreggi lejn l-Italja in konnessjoni mar-reati kollha addebitati lilu. Mill-eami tal-provi rinvjati quddiem din il-Qorti u li

jkkonsisstu, kif diga inghad hawn fuq, jidher li f'dan il-kaz ir-reati li allegatament ikkommetta George Cauchi fl-Italja huma sostanzjalment tal-istess antura ta' atti konsiderati bhala kriminali u soggetti ghall-proceduri relattivi quddiem l-Qrati lokali.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi ghalhekk wara li gew analizzati il-'facts at issue' kollha sollevati f'dan il-kaz, abbinat mal-'ensemble' tal-provi, din il-Qorti tinsab konvinta li George Cauchi ghandu jigi estradit lejn l-Awtorita Gudizzjarja barranija in vista li ghandu "a case to answer'.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 15 tal-Kapitolu 276 citat tordna li l-istess George Cauchi jinzamm taht kustodja sabiex jistenna t- treggih lura lejn l-Italja.

Inoltre l-istess Qorti wara li rat l-Artikolu16 ibid qed tinforma lil George Cauchi li hu ma jigix imregga lura sakemm jiskadu hmistax (15) il-gurnata mid-data ta' din l-ordni u li hu jista jaghmel appell lill-Qorti tal-Appel Kriminali.

In oltre, il-Qorti qed tinforma lil George Cauchi li jekk hu jhoss li gew miksura, qed jinkissru jew ser jinkissru is-sub inciz (1) u (2) tal-Artikolu 10 tal-Kapitolu 276 citat, jew dak kollu provdut fil-Kostituzzjoni ta' Malta, li jistghu iwasslu ghar-revoka, annullament jew modifika ta' din l-ordni, hu ghandu d-dritt li jitlob rimedju skond kif provdut fl-Artikolu 46 tal-istess Kostituzzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------